MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Numru 36/1996

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***... omissis ...***
**Bernardette Spiteri**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fit-12 ta' Marzu 2002 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

**"Rat l-Att ta' Akkuza 36 tal-1996;**

**Semghet il-verdetti tal-gurati moghtija llum li permezz taghhom b'seba' (7) voti favor u zewg (2) voti kontra sabu lil Joseph Grech mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza, u bl-istess numru ta' voti sabuh mhux hati skond ir-raba' kap ta' l-istess Att; u, fir-rigward ta' Bernardette Spiteri, il-gurati, b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra, sabuha hatja taht l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza izda biss ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna b'dan li hija kienet ipprovokata b'delitt kontra l-persuna taghha, u b'dan ukoll li r-reat sar meta l-istess Spiteri kienet ufficjal tal-Pulizja; u unanimament sabu lill-istess Spiteri mhux hatja skond it-tieni, it-tielet u r-raba' kapi tal-Att ta' Akkuza;**

**Tiddikjara lil Joseph Grech mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-Att ta' Akkuza 36/1966 u, wara li rat l-Artikolu 487 tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmi Joseph Grech, kemm-il darba ma jinsabx detenut ghal ragunijiet ohra, jigi liberat;**

**Tiddikjara lil Bernardette Spiteri mhux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha fit-tieni, fit-tielet u fir-raba' kapi tal-Att ta' Akkuza; izda tiddikjaraha hatja taht l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza izda biss ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna b'dan li hija kienet ipprovokata b'delitt kontra l-persuna taghha, u b'dan ukoll li r-reat sar meta Spiteri kienet ufficjal tal-Pulizija;**

**Semghet lill-Avukat Dott. Emanuel Mallia ghall-hatja Spiteri u lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena;**

**Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz; rat l-Artikoli 141, 216, 230(c), 232(a) u 533 tal-Kodici Kriminali;**

**Tikkundanna lill-imsemmija Bernardette Spiteri ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija; kif ukoll tikkundannaha thallas lir-Registratur fi zmien gimgha**

**mil-lum is-somma ta' mija u disa' liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm109.75c), spejjez peritali inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-perit Joseph Bongailas fil-kors ta' l-istruttorja;**

**U, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li l-imsemmija piena ta' sentejn prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' snin mil-lum, l-istess Bernardette Spiteri tikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;**

**Il-Qorti tiddikjara li hija spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilta` taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija; il-Qorti finalment tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali."**

Rat li minn din is-sentenza Bernardette Spiteri nterponiet appell permezz ta' rikors ta' appell taghha datat 1 ta' April 2002 fejn talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabithiex hatja tat-tieni, it-tielet u r-raba' kapi ta' l-Att ta' Akkuza u tirrevokaha in kwantu nstabet hatja ta' l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza kif indikat billi tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell taghha l-appellanti tghid li hija giet misjuba hatja hazin fuq il-fatti tal-kawza kif ukoll kien hemm irregolarita` matul il-kawza u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet kellha influwenza fuq il-verdett tal-gurija. Huwa utili, f'dan il-kaz, illi jigi

riprodott dak li l-appellanti tissottometti fir-rikors ta' appell taghha in sostenn ta' l-aggravji taghha:

**"Mill-verdett tal-gurija rigwardanti t-tieni, it-tielet u r-raba' kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, johrog car illi l-gurija ma emnitx lil Tamer Zaki. Dan ifisser illi l-gurija emnet it-tezi ta' l-akkuzata u skartat dik ta' Zaki. Zaki kien qed jallega illi hu kien gie aggredit mill-akkuzata u Joseph Grech waqt li hu kien fil-karrozza Ford Escort, ta' l-akkuzata. L-akkuzata irriteniet illi kien Zaki u persuna ohra li kienet mieghu illi aggredixxewha fuq in-naha tal-lemin tal-karrozza taghha. Il-gurija, fil-konkluzjoni taghha li temmen il-verzjoni ta' l-akkuzata, kienet konfortata minn sensiela ta' evidenza indizzjarja. Kien hemm id-demm fuq in-naha tal-lemin tal-karrozza, post li Zaki irritjena illi qatt ma resaq lejh. Kien hemm in-nuqqas ta' demm fuq il-'passenger seat' ta' l-Escort, meta Zaki kien qieghed jghid illi meta kien fuq dak is-seat qala' d-daqqiet tas-sikkina u beda hiereg gelgul ta' demm. Kien hemm in-nuqqas ta' demm fuq ir-'rear passenger seat' fuq ix-xellug, fejn Zaki kien qed jallega illi gie mdahhal b'forza meta kellu demm niezel minn quddiem ghajnejh, li lanqas seta' jara.**

**Il-gurija, permezz tal-verdett rigwardanti l-ewwel kap, skartat ukoll l-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Irid jinghad illi Zaki sofra dsatax-il daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta. It-tezi tad-difiza kienet illi dawn inghataw mill-akkuzata lil Zaki peress illi hija kellha l-bzonn attwali li tiddefendi lilha nnifisha. Id-difiza wkoll poggiet quddiem il-gurija illi dan seta' kien kaz ta' eccess ta' legittima difesa, pero` dan l-eccess kien dovut minhabba li l-akkuzata bezghet, twerwret jew inhasdet. Il-gurija kienet konfortata minn evidenza indizzjarja meta accettat it-tezi tad-difiza illi l-akkuzata ma kellhiex l-intenzjoni specifika li toqtol jew tpoggi l-hajja ta' Zaki f'perikolu car u manifest, izda kellha l-intenzjoni li taghmillu hsara. Bizzejjed jinghad illi fil-karrozza ta' l-akkuzata l-istess akkuzata kellha pistola taht is-seat taghha. Bizzejjed jinghad ukoll illi, skond Zaki, hu kien f'xi**

**mument dahru lejn l-akkuzata, li kellha sikkina f'idejha, li jfisser, skond dak li qed jghid hu stess, li l-akkuzata kellha altru mill-opportunita` li kieku riedet toqtlu, li taghmel dan. Il-verdett tal-gurija ghalhekk juri illi l-akkuzata kellha l-intenzjoni generika li taghmel hsara, pero` mhux li toqtol.**

**Kif inghad, il-linji difensjonali kienu tlieta. Fl-ewwel lok, id-difiza tal-legittima difesa; fit-tieni lok, l-eccess tal-legittima difesa bil-*proviso* rigwardanti l-biza', twerwir jew hasda; u, fit-tielet lok, il-provokazzjoni minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna.**

**Fl-umli fehma tad-difiza, u bl-akbar rispett lejn il-verdett tal-gurija, l-esponenti nstabet hatja hazin fuq il-fatti tal-kaz, u dan peress illi l-fatti tal-kaz jinkwadraw legittimament u ragjonevolment [f]il-figura ta' eccess ta' legittima difesa meta dan l-eccess sar minhabba li l-akkuzata tkun inhasdet, bezghet jew twerwret. Kif inghad, il-gurija qablet mal-linja difensjonali li dan ma kienx kaz ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Meta persuna jkun qed jezercita d-dritt sagrosanti ttieh in-natura li jiddefendi lilu nnifsu, hu jkun irid id-deni ta' haddiehor qabel ma dan isir l-ewwel fuqu. Kif inghad il-verdett tal-gurija juri illi l-istess gurija emnet illi Zaki kien ma' persuna ohra meta l-akkuzata kienet giet aggredita. Mela hawnhekk ghandna stampa ta' mara qieghda tigi aggredita minn zewgt irgiel, wiehed minnhom fil-pussess ta' arma idonea, taqta' u bil-ponta. Fil-fatt, il-verdett tal-gurija rigwardanti r-raba' kap juri li l-istess gurija unanimament qieset li l-akkuzata qatt ma kienet fil-pussess ta' arma minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dan juri bic-car illi l-gurija emnet it-tezi ta' l-akkuzata illi l-arma kienet ta' Zaki u li dan beda l-incident vjolenti.**

**Fil-figura tal-legittima difesa l-ewwel rekwizit huwa l-minaccja, ossia aggressjoni, li trid tkun ingusta. In lineja mal-verdett tal-gurija u l-argumentazzjoni hawn fuq spjegata, legittimament u ragjonevolment dan l-ewwel element gie fil-fatt pruvat. Kien Zaki li kien fil-**

**pussess tal-arma u kien Zaki li beda l-aggressjoni. It-tieni element ghal-legittima difesa huwa illi din l-aggressjoni trid tkun gravi, liema gravita` trid tigi analizzata mill-punt soggettiv u cioe` kif kienet qed tara s-sitwazzjoni dak il-hin l-istess akkuzata. In lineja mal-verdett tal-gurija, ma hemm l-ebda dubbju illi legittimament u ragjonevolment din il-minaccja kienet wahda gravi, li nislet fl-istess akkuzata l-bzonn attwali li tirrejagixxi u tiddefendi l-koluminita` taghha. It-tielet element hu dak ta' inevitabilita`, u cioe` illi r-reazzjoni trid tkun wahda prezenti u attwali. Hawnhekk jidhol ukoll il-kuncett ta' proporzjonalita`. Id-difiza, fl-arringa taghha, ikkoncediet illi l-fatti tal-kaz jistghu jwasslu biex ikun hemm il-figura ta' l-eccess tal-legittima difesa, u cioe` illi l-akkuzata setghet harget barra mil-limiti imposti mill-bzonn.**

**F'dan ir-rigward tal-figura tal-eccess tal-legittima difesa, l-esponenti tixtieq ukoll, bir-rispett, tissottometti illi hawn seta' kien hemm direzzjoni zbaljata jew ossia mhux cara tal-Imhallef Sedenti fl-indirizz tieghu, in kwantu seta' ma kienx car bizzejjed meta gie spjegat lill-gurija l-lineja difensjonali l-ohra tal-provokazzjoni. Il-fatt illi wiehed jeccedi l-limiti imposti mill-bzonn, ma jfissirx illi f'dak il-mument il-persuna tkun qed tizvesti lilha nnifisha mid-dritt li tiddefendi ruhha u allura tkun qed taqa' fir-relm tat-tpattija *sic et simpliciter*. Fil-figura legali kontemplata fl-Artikolu 230 sub-artikolu (c), il-persuna jkun irid il-hsara ta' haddiehor, pero` dan minhabba illi jkun qed jigi provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna. F'dan il-kaz, il-gurija abbraccjat din il-konkluzjoni fil-verdett taghha rigwardanti l-ewwel kap. Bir-rispett pero`, l-akkuzata fil-kaz odjern, legittimament u ragjonevolment, mill-fatti kienet riedet il-hsara ta' Zaki qabel ma din il-hsara tkompli ssir fuqha nnifisha. Is-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha ma kinitx wahda imputabbli ghaliha, izda hi sabet ruhha f'dik is-sitwazzjoni minhabba l-minaccja ingusta u gravi tal-istess Zaki. Fl-interpretazzjoni tal-verdett tal-gurija, il-gurija accettat ukoll illi f'dak il-mument l-akkuzata kellha zewg aggressuri – wiehed minnhom armat. Mela din mhix xi sitwazzjoni fejn hi hadet is-**

**sikkina minghand Zaki sabiex tikkagunalu hsara minhabba provokazzjoni tal-offiza fuq il-persuna li kienet diga' sofriet. Hi haditlu l-imsemmija sikkina biex l-aggressur taghha, mghejjun minn persuna li kienet mieghu, u li f'dak il-hin kien qed jaggredixxi wkoll lill-akkuzata billi qabadha minn ghonqha, ma jkomplix jikkagunalha hsara jew sahansitra jipperikola hajjitha. Fl-ezercizzju tad-daqqiet li taghtu, hi ma kinitx qed taghmel hekk bi tpattija jew ghax provokata, imma biex tehles minn dik l-istess aggressjoni ingusta. Setghet harget mil-limiti imposti mill-bzonn, ghaliex fil-kalkolu taghha, kien hemm gudizzju li rrendiha tirrejagixxi aktar milli forsi kien hemm bzonn. *In ogni caso* pero`, il-fatti tal-kaz, mhux biss legittimament u ragjonevolment iwasslu ghall-figura tal-eccess tal-legittima difesa, izda wkoll ghall-figura tal-*proviso* tal-Artikolu 227(d) rez applikabbli ghall-figura ta' offiza fuq il-persuna. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ma hemm l-ebda dubbju li l-akkuzata inhasdet b'din l-aggressjoni ngusta. Ma hemm l-ebda dubbju li l-akkuzata fic-cirkostanzi li nstabet fihom, sabet ruhha f'sitwazzjoni ta' biza'. Ma hemmx dubbju li l-aggressjoni b'sikkina fuq l-akkuzata, flimkien ma' l-aggressjoni ta' sieheb Zaki, holqot fiha biza', prova ta' liema biza' li hasset l-esponenti hija wkoll misjuba fix-xiehda lit a l-psikjatrta Dr. Peter Muscat, fejn spjega li l-esponenti sabha tbati minn *post-traumatic stress disorder*. Hu spjega kif hu ezaminaha biss granet wara l-kaz u sabha tbati minn din il-kundizzjoni. Din il-kundizzjoni, spjega, tigi sofferta minn nies li jbatu aggressjoni inaspettata u ingusta. Aggressjoni fejn huma jkunu l-vittma."**

Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ewwel l-aggravju ta' l-appellanti li tghid illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri "seta' ma kienx car bizzejjed meta gie spjegat lill-gurija l-lineja difensjonali l-ohra tal-provokazzjoni". Ghalhekk irid jigi ezaminat preciz x'intqal mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu f'dar-rigward, u cioe` fir-rigward ta' dik li l-appellanti tghid li kienet it-tielet linja ta' difiza taghha. Fl-

indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, insibu s-segwenti brani[1]:

**"Pero` d-difiza ta' Spiteri semmitilkom ukoll id-difiza sussidjarja tal-provokazzjoni. Issa hawn hekk sinjuri gurati x'inhija l-provokazzjoni? L-ewwelnett id-difiza tal-provokazzjoni hija difiza sussidjarja jigifieri Dr. Mallia qalilkom l-ewwel araw jekk hemmx id-difiza tal-legittima difesa, jekk hemmx l-eccess tal-legittima difesa, imbaghad taraw, jekk ma hemmx id-difiza tal-legittima difesa, araw jekk hemmx xi haga ohra li hija l-provokazzjoni. Xi tfisser il-provokazzjoni? Jigifieri li Spiteri giet provokata f'dak illi ghamlet. Tghiduli x'inhi d-differenza bejn legittima difesa u provokazzjoni? Semplici hafna. Fil-legittima difesa inti qed tagixxi biex tipprevjeni hsara li tara li gejja fuqek u allura tagixxi minn qabel. Fil-provokazzjoni invece inti qed tirritalja ghal hsara li tkun diga` saritlek. Qed taraw id-differenza. Mela jekk intom issibu li Zaki ghamel hsara fuq il-persuna ta' Spiteri, ezempju billi taha b'xi strument fuq idejha u weggaghha u li din irritaljat billi aggredietu bil-hsieb bl-intenzjoni li twegghu b'tpattija – mhux li toqtlu pero`, imbaghad nispjegalkom ghaliex – imqar li ghamlitlu hekk biex tweggghu bi tpattija, allura hemm l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Biex taghtu din l-iskuzanti tal-provokazzjoni, tridu tkunu soddisfatti ossia moralment certi li ma hemmx kaz ta' legittima difesa izda taslu ghall-konkluzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita` li meta Spiteri tat xi daqqiet lil Zaki hi ma kellhiex l-intenzjoni li toqtlu jew li tqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car izda kellha biss l-intenzjoni li tweggghu u li dan ghamlitu b'ritaljazzjoni ghall-offiza li hija kienet ghadha kif garrbet fuq idejha – ghax hekk qaltilna hija, f'idejha kien hemm l-offiza, tiftakru – jekk pero` intom tkunu soddisfatti ossia moralment certi dejjem wara li teskludu l-legittima difesa li l-intenzjoni ta' Spiteri kienet mhux li twegga' lil Zaki izda li toqtlu allura f'dan il-kaz allura m'hemm l-ebda skuzanti ta' provokazzjoni billi l-offizi fuq il-persuna ta' Spiteri kienu ta' natura**

---

[1] Tape 82 Side A.

**hafifa. Mela jkollok l-iskuzanti tal-provokazzjoni minhabba offizi ta’ natura hafifa biss jekk inti ghandek l-intenzjoni li twegga’ meta tirritalja lil dak li jkun. Jekk inti garrabt offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tieghek per ezempju fuq idejk u inti tirritalja billi tipprova toqtol lil min weggghek hafif hemm hekk ma jkollokx l-iskuzanti tal-provokazzjoni imma jkun hemm semplicement tentattiv ta’ omicidju jew jekk jirnexxilek toqtlu addirittura omicidju. Mela allura l-iskuzanti tal-provokazzjoni intom tistghu taslu ghaliha biss jekk intom tkunu soddisfatti wara li tkunu warrabtu l-legittima difesa, inkuz l-eccess ta’ legittima difesa, li Spiteri garrbet offizi ta’ natura hfief fuq il-persuna taghha, li hija rritaljat ghal dawk l-offizi u rritaljat billi kellha l-intenzjoni li twegga’ lil min aggrediha. Jekk hija kellha l-intenzjoni li toqtol lil min aggrediha u allura ghamlilha dawk l-offizi hfief fuq il-persuna taghha, allura hemm jigi tenttaiv ta’ omicidju minghajr skuzanti, sinjuri gurati…. Din hija l-pozizzjoni tal-ligi”.**

**“Il-provokazzjoni jkun hemm meta wiehed jirritalja ghal hsara li diga’ saritlu billi jirritalja ghaliha, ikun hemm reazzjoni ghal dik il-hsara li tkun diga` saritlu. Hemm hekk ikun hemm l-element ta’ provokazzjoni. U ghidtilkom il-provokazzjoni jew ahjar l-iskuzanti tal-provokazzjoni li tqajmet mill-akkuzata Spiteri bhala difiza sussidjarja tistghu biss tatuha intom dik id-difiza jekk intom soddisfatti li meta Spiteri ghamlet xi haga b’ritaljazzjoni ghal xi hsara li kienet diga` sofriet, l-intenzjoni li kellha ma kinitx li toqtol izda biss li twegga’ lil Zaki ghax jekk l-intenzjoni taghha kienet li toqtol lil Zaki allura ma tistghux tatu l-iskuzanti tal-provokazzjoni ghas-semplici raguni li l-offizi li kienet garrbet kienu ta’ natura hafifa biss. Ara li kieku hija garbet offizi ta’ natura gravi hemm iva setghet hi tirritalja b’mod illi tipprova toqtol u tinghata l-iskuzanti tal-provokazzjoni imma f’dan il-kaz l-offizi li jirrizulta – u dan mhuwiex kontestat anqas mid-difiza – li kellha Benna Spiteri fuq il-persuna taghha kif xehed Dr. Ali Sarfraz kienu biss offizi ta’ natura hafifa.”**

**"… tridu tkunu eskludejtu l-legittima difesa. Mela jekk intom tkunu eskludejtu l-legittima difesa bl-eccess u minghajr eccess … jigifieri hawn hekk qeghdin tghidu m'hemmx kwistjoni ta' legittima difesa, we're not talking about someone defending himself from aggression, issa bl-eccess u mingajr eccess, tkunu eskludejtu l-legittima difesa ... allura tezaminaw il-kwistjoni tal-provokazzjoni."**

Ftit hemm x'wiehed jghid hlief li din hija l-pozizzjoni legali korretta. Difatti l-ligi stess tiddistingwi bejn dawk is-sitwazzjonijiet fejn jista' jinghad li persuna tkun agixxiet *per legittima difesa* u dawk fejn persuna tkun agixxiet wara provokazzjoni. U l-artikolu 230 tal-Kodici Kriminali mbaghad jiddistingwi[2] bejn kazijiet ta' offiza volontarja fuq il-persuna wara provokazzjoni b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna meta dan id-delitt ikun suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija u kazijiet fejn ikun hemm provokazzjoni minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna, filwaqt illi l-artikoli 231 u 232 jipprovdu ghal pieni differenti skond jekk ir-reat huwiex skuzabbli skond il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (c) ta' l-imsemmi artikolu 230 tal-Kodici Kriminali. Fejn persuna tagixxi *per legittima difesa* hija tkun trid id-deni ta' haddiehor qabel ma dan isir l-ewwel fuqha. Fejn persuna tagixxi minhabba provokazzjoni hija tkun qed tirritalja ghad-deni li tkun diga` sofriet. L-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-ebda mument ma fisser illi meta wiehed jeccedi l-limiti tal-legittima difesa hija tkun qed tizvesti ruhha mid-dritt li tiddefendi lilha nnifisha biex b'hekk taqa' fil-mansjoni tat-tpattija. Dan huwa evidenti mill-brani appena citati, imqar jekk l-ispjegazzjoni moghtija mill-gudikant f'xi partijiet tinhass kemmxejn elaborate z-zejjed. Barra minn hekk jirrizulta illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega korrettement id-difizi kollha li tressqu mill-appellanti u, sahansitra sabiex jiffacilita x-xoghol tal-gurati, qassmilhom notamenti bl-elementi kollha li kellhom ifittxu dwar id-diversi reati li l-appellanti kienet akkuzata bihom u d-difizi kollha mressqa fir-rigward.

[2] Paragrafi (a) u (c) ta' l-artikolu 230 tal-Kodici Kriminali.

Konsegwentement dan l-aggravju huwa respint.

L-aggravju l-iehor jinnecessita apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda fl-atti tal-kumpilazzjoni u d-dokumenti esibiti kif ukoll semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda ta' numru ta' xhieda, inkluz ta' l-istess appellanti, kif ukoll ir-registrazzjoni ta' l-indirizz, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[3].

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom. Irid jigi sottolineat illi l-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha.

Jidher car illi l-gurati waslu ghall-verdett taghhom wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda u anke xi konfronti ma' l-appellanti stess, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda", kif ukoll "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi huwa evidenti li l-gurija kellha quddiemha zewg verzjonjiet: dik ta' Tamer Zaki li jsostni li kien aggredit mill-appellanti flimkien ma' Joseph Grech u dik ta' l-appellanti li ssostni illi giet aggredita minn Tamer Zaki u persuna ohra mhux

maghrufa ghaliha. Mill-verdett tal-gurati jidher illi huma skartaw il-verzjoni ta’ Zaki u emmnu illi l-appellanti giet b’xi mod aggredita. Li kien hemm zewgt irgiel involuti huwa certament korroborat mix-xiehda ta’ l-Ispettur Sandro Zarb li nzerta kien ghaddej bil-karrozza tieghu mit-triq fejn kienet qed issehh dik li huwa stess isejjah “glieda”, ghalkemm huwa ma rnexxilux jidentifika l-irgiel li kienu involuti. Apparti hekk, pero`, hemm il-verzjonijiet kontrastanti ta’ l-imsemmi Tamer Zaki u ta’ l-appellanti dwar min kien ir-ragel l-iehor involut f’dik il-“glieda”. Il-gurati ma accettawx id-difiza ta’ l-appellanti illi hija agixxiet per legittima difesa u lanqas illi kien hemm l-eccess tal-legittima difesa minhabba li hija kienet inhasdet, bezghet jew twerwret, u minflok accettaw id-difiza sussidjarja illi hija giet ipprovokata minn delitt kontra l-persuna taghha.

Apparti l-fatt illi d-difiza stess ipprospettat din id-difiza bhala wahda mid-difizi possibbli, m’hemmx dubju illi l-gurati kienu gew certament impressjonati – din il-Qorti tirritjeni gustament – bin-numru kbir ta’ feriti li Tamer Zaki sofra fuq il-persuna tieghu. Xi haga li anke Dr. Joseph Zarb Adami, meta kien qed jixhed quddiem il-gurati, stqarr, cioe`: *“Wiehed mill-affarijiet li impressjonatni li kellu dsatax-il daqqa f’gismu, xi haga li ma tinsiha qatt.”* Id-Dok. SS1 (a fol. 123 tal-process verbal) fil-fatt jelenka dawn il-griehi (tmintax b’kollox) u dwarhom hemm ix-xiehda tad-diversi tobba li kienu involuti fil-kura ta’ Tamer Zaki u ta’ dawk li kellhom joperawh. It-Tabib Slavomir Savitsky iddeskriva l-offizi li sofra Zaki bhala “multiple stab-wounds” u spjega kif ferita minnhom kienet ippenetratlu l-kavita` tal-pulmun u li dan wassal ghall-kollass parzjali taz-zewg pulmuni, u kif l-aktar ferita serja kienet *stab wound* li ppenetratlu t-trachea. It-tabib Dr. Alexander Lapira wkoll ikkonferma li l-ferita msemmija setghet waslet ghall-mewt. Imbaghad hemm ix-xiehda tat-tabib Dr. Jean Moskovski li ezamina l-feriti li Zaki kellu f’idejh u li, dwar il-feriti fuq l-id ix-xellugija ta’ Zaki, qal: *“The wounds were definitely caused by a person who was protecting himself from a sharp instrument. The same person would have grabbed the instrument from the blade by means of his left hand.”* Il-gurati kellhom l-opportunita` li josservaw lill-appellanti tispjega kif qalet illi nfliggiet il-

ferita principali fuq Zaki, dik li ppenetratlu t-trachea. Izda kellhom ukoll l-opportunita` jevalwaw jekk, fid-dawl anke tal-fatt illi hija stess iddikjarat illi taf il-Kung Fu, kienx hemm il-htiega li fic-cirkostanzi l-appellanti tinfliggi tant feriti ohra fuq l-imsemmi Zaki.

Jidher ukoll illi waqt il-guri kien hemm diversi mistoqsijiet li baqghu bla twegiba: bhal, per ezempju, ghaliex, wara li Zaki kien ferut, tela' 'l fuq u ma dahalx fil-karrozza ta' siehbu li kienet ipparkeggjata quddiem dik ta' l-appellanti; ghaliex sieheb Zaki mar isegwi lill-appellanti u ma marx ghall-assistenza ta' Zaki; kif tispjega li l-"mobile" ta' Zaki waqa' mill-karrozza ta' l-appellanti proprju f'parti dritta ta' Triq Marina, Pieta`; ecc. Hemm imbaghad ix-xeneggjat dwar inkontru li sehh fit-2 ta' Settembru 1994 – allura wara l-incident in kwistjoni – bejn l-appellanti, l-ex Spettur Mario Calleja, certu Joseph Grech mill-Mosta u l-Ispettur Maria Stella Cutajar u c-cahdiet u kontradizzjonijiet dwar dak li ntqal waqt dak l-inkontru.

Il-gurati, rinfaccjati b'xihdiet u verzjonijiet daqstant dissimili u kontrastanti, kif jemergu f'dan il-kaz, ghazlu – kif diga` osservat – li ma jaccettawx il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Zaki. Huma, invece, ghazlu l-ipotesi li tinkwadra ruhha fir-reat ta' kommissjoni ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta' Zaki b'dan pero` li dina l-offiza sehhet meta l-appellanti kienet giet ipprovokata b'delitt kontra l-persuna taghha. Dan ifisser mela li l-gurati emmnu l-verzjoni – jew ahjar <u>parti minnha</u> – moghtija mill-appellanti fis-sens li hija sfat aggredita minn zewgt irgiel, li hija kellha titqabad maghhom, u dan meta kienet <u>diga`</u> sofriet feriti hfief fuq idejha permezz ta' arma li taqta' min-naha ta' Zaki. Evidentement il-gurati emmnu illi ma kien hemm l-ebda skop li l-appellanti tikkawza tant feriti, uhud minnhom gravi, fuq Zaki jekk mhux biex tirritalja ghall-feriti li kienet diga` garrbet hi fuq is-swaba' ta' idejha meta kellha idejha fuq l-isteering tal-karrozza taghha.

Din il-Qorti hija tal-fehma, wara li giet ezaminata b'mod approfondit ix-xiehda moghtija mill-appellanti, u fid-dawl tal-multiplicita` ta' feriti li l-istess appellanti kienet infliggiet fuq Zaki, illi l-verdett mhuwiex "in kontradizzjoni manifesta

ghal dak kollu li jirrizulta mill-process" u li ghalhekk il-gurati setghu ragjonevolment u legittimament jikkonkludu kif ikkonkludew. Fil-fatt huwa evidenti illi l-maggor parti tal-feriti fuq Zaki setghu gew kawzati biss meta l-mus kien jinsab f'idejn l-appellanti stess.

Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Hija qed titlob illi, minhabba illi hija sofriet *post-traumatic stress disorder* minhabba l-incident in kwistjoni, u minhabba illi hija zmien twil sospiza mix-xoghol, din il-Qorti taghti piena alternattiva sabiex b'hekk hija ma titlifx l-impjieg taghha u tissollecita lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkunsidraw li tinghata l-opportunita` li tidhol lura ghax-xoghol.

Dwar il-piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

Fil-kaz in ezami l-piena moghtija hija decizament entro l-parametri tal-ligi u l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-istess konsiderazzjonijiet li wassluha sabiex tissospendi l-esekuzzjoni immedjata tas-sentenza bis-sahha ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Ma jirrizultax lil din il-Qorti xi cirkostanzi differenti li minhabba fihom ghandha ghalfejn tikkunsidra xi varjazzjoni fil-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Inoltre mhux proprjament kompitu tal-Qrati li joqoghdu jaghmlu rakkomandazzjonijiet lil din jew dik l-awtorita`, hlief fejn il-ligi tispecifika li tali rakkomandazzjonijiet jistghu jew ghandhom isiru. Il-kompitu tal-Qrati hu li jiddeterminaw vertenzi[5].

Ghal dawn il-motivi:

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

[5] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Buhagiar**, 15 ta' Frar 2007.

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza ta' prigunerija sospiza jibda jiddekorri millum. Ghal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-appellanti bi kliem car ir-responsabbilta` taghha taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija; il-Qorti finalment gibdet ukoll l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------